MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 343/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**Vs**

**Mario Falzon**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mario Falzon ta’ 54 sena mwieled Birkirkara fis-17 ta’Lulju 1951, bin Vincent u Giovanna nee Spiteri u residenti ġewwa Caradel, Triq Wignacourt, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 588051 (M)

Akkużat talli fil-31 ta’ Mejju 2005 u fix-xhur ta’ qabel ġewwa l-fond ‘Caradel’, Bieb numru 77, Triq Wignacourt Birkirkara u f’inħawi oħra f’dawn il-Gżejjer:

(1) Bla ordni skpond il-Liġi ta’ awtorita’ kompetenti, arresta, żamm u ssekwestra lil martu Esther Falzon kontra l-volonta’ tagħha u dana bi ksur tal-artikolu 86 tal-Kap 9;

(2) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaadieħor f’perikolu ċar, ikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Beatrice Gruppetta liema ferita tista’ tikkagġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi part ital-ġisem, jew tista’ ġġib difett f’parti tal-għamla tal-ġisem jew tista’ ġġib manakament jew sfreġju fil-wiċċ u dan bi ksur tal-artikolu 216 tal-Kap 9;

(3) Volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli (nuċċali) għad-dannu ta’ Beatrice Gruppetta liema ħsara ma teċċedix il-ħames mitt lira Maltija imma tkun iżjed minn Lm50 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(4) Fl-istess żmien b’diveri atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tla-Liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta’ xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor u dan ai termini tal-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 5880 tas-sena 1951, il-fedina penali netta tal-imputat (fol 4), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 5 u 9), l-istqarrija tal-imputat a fol 19, il-kwerela li saret fl-10 ta’ Ġunju 2005 a fol 22 magħmula minn Esther Falzon, iċ-ċertifikat a fol 51, r-ritratti a fol 62 et, id-dokument dwar kemm jiswa n-nuċċali (fol 83) u d-dikjarazzjoni tad-difiża li ma kienx hemm għalfejn jitilgħu r-rappreżentanti ta’ Camilleri Opticians biex jikkonfermaw l-istima. (fol 85).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difiża u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju.

Ikkonsidrat

Skond l-Ispettur Kevin J Farrugia, Esther Falzon informatu li r-raġel tagħha, qabel l-inċident odjern, ma kienx iħalliha tidħol fil-kmamar kollha tad-dar. Fil-31 ta' Mejju 2005 l-imputat ma keinx ħalliha titlaq minn ġod-dar u talbet l-assistenza tal-familjari sabiex tkun tista' toħroġ. Fost il-persuni li waslu d-dar kien hemm Beatrice Gruppetta li spiċċat bin-nuċċali mkisser.

Esther Falzon kienet telqet xi erba' darbiet mid-dar. Fil-31 ta' Mejju 2005 riedet tieħu l-ħwejjeġ u titlaq u l-imputat saħasitra kien intefa' fuqha biex ma jħallihiex titlaq u żammha ġewwa kontra l-volonta' tagħha.

*L-imputat kien imbotta lil oħtha Beatrice Gruppetta l-kumplament tat-taraġ.* [1]

Ir-rapport min-naħa tal-allegata vittma kien sar iktar minn sitt xhur wara l-inċident. (fol 15).

**L-Isqarrija tal-Imputat**

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li r-referenza għall-kwistjoni tat-televixin kineet tmur lura għall-1990. Huwa kien iwassal lil martu x-xogħol kull jum. Huwa qatt ma kien refa' jdejh fuq martu u darba marret fuqu b'sikkina u bimqass. (fol 20). Huwa ċaħad li ma kienx ħalla lil martu titloq u kulma għamel kien li staqsieha għalfejn riedet titlaq. Huwa kien baqa' jipprova jirranġa s-sitwazzjoni iżda hi bdiet nieżla t-taraġ bil-mod. Huwa ċaaħd li ried iżommha milli titlaq.

[1] Din ix-xhieda qed tingħata minn mart l-imputat. Ai termini tal-artikolu 635 tal-Kodiċi Kriminali, x-xhud setgħet tixhed dwar reat li sar kontra tagħha stess (ara l-ewwel imputazzjoni), jew kontra l-axxendenti u kontra d-dixxendenti tagħha. Oħt ix-xhud la hija l-axxendenti u lanqas id-dixxendenti ta' mart l-imputat u għalhekk ma tistax titqies bħala prova minħabba r-restrizzjonijiet tal-artikolu 635.

Beatrice Gruppetta ma kinitx laħqet daħlet fid-dar għax l-imputat u martu kienu fit-taraġ. Beatrice Grupeptta kienet isfel ħdejn it-taraġ jew setgħet telgħet xi tarġiet. L-imputat ċaħad li kien fera lil Beatrice Gruppetta. Huwa ċaħad ukoll li kien kissrilha n-nuċċali. (fol 21) L-imputat qal li lil martu kien iħobbha u riedha tmur lura d-dar.

Esther Falzon xehdet li l-imputat dejjem kien joqgħod inaddaf (fol 26). Dak in-nhar tal-inċident uriet ix-xewqa li titlaq mid-dar. L-imputat dejjem kien jistaqsiha għaleix riedet titlaq. Hija marret tipprepara l-bagalja iżda huwa kien mar fuqha biex ma jħallihiex titlaq. Kien ta daqqa b'tieqa tal-aluminju. L-imputat kein ċempel lil oħrha Ermelinda Fenech sabiex tiġi. Iżda l-imputat baqa' jinsisti li ma kienx sejjer iħalli lil martu toħroġ mid-dar. Fl-aħħar waslet barra. Dak il-ħin kienet tielgħa oħtha Beatrice Gruppetta u r-raġel tagħha Arthur grupeptta. L-imputat fetaħ idejh f'wiċċ Beatrice Gruppetta u gerbibha t-taraġ. L-imputat imbaħgad ħallieha tmur għand oħtha.

L-inċident li seħħ ħdejn Farson kien seħħ ftit tas-snin qabel (1993)(fol 30).

Xehed Dr Kenneth Vassallo li f'Jannar tass-ena 2006 huwa kien ra lil Ms Beatrice Gruppetta li kkonferma d-dokument li jidher a fol 43 fejn jidher li Beatrice Gruppetta kellha :

'a resolving/healing large contusion located over the right skin She is also tender over s amll localised area.'

Għalhekk Beatrice Gruppetta kellha tbenġila fuq ir-right shin li kienet qed tfiq u bażikament kienet qed tweġġa' fuq dik l-area. (fol 40). Hija normali li meta jkollox tbenġila u tmissha, it-tbenġila tuġgħek. (fol 41).

Ix-xhud qal li ma keinx qed jagħraf il-handwriting mija fil-mija. Huwa kellu dubju jekk kitibx id-data huwa stess. F'dak il-perjodu x-xhud kien għadu houseman.

Iżda meta reġa' xehed fl-10 t'Ottubru 2007 huwa kkonferma kemm id-data kif ukoll dak li qal qabel. (Ara fol 49).

Xehed ukoll it-tabib tal-familja Dr Carmel Delicata li qal li Beatrice Gruppetta kellha tbenġila u selħ fil-ġilda, demm miġmugħ, jiġifieri haematoma u abrasions (fol 52) li kienu of a slight nature save complications. Wara rriżulta li ħalliet marka permanenti fil-ġilda. (52).

Xehdet Beatrice Gruppetta li qalet kienet waslet fuq il-post u rat lill-imputat b'idejh miftuħin. Lil oħtha ma riedx iħalliha toħroġ. Ix-xhud telgħet it-taraġ u kif waslet żewġ tarġiet 'l isfel mill-imputat, dan imbuttaha għal isfel. (fol 57). Niżlet madwar tużżana tarġiet u laqagħha r-raġel tagħha. Kien inkisrilha n-nuċċali. Inbarxu saqajha u l-għekiesi għax ilwiethom hija u nieżla. In-nuċċali daħal fuqha għax hija u nieżla ħabtet mat-taraġ. In-nuċċali jiswa 'l fuq minn mitt lira Maltija.

Hija rreferiet għar-ritratti tal-ġrieħi li kien ħa r-raġel tagħha. Għamlet żmien ma setgħetx timxi u għal ħmistax ma marritx għax-xogħol. Baqgħu xi marki fuq il-qasba ta' saqajha. Hija ikkonfermat l-istima tan-nuċċali li telgħet għal 288 Ewros.(fol 81 u fol 83)

Xehed Arthur Gruppetta a fol 64 u kkonferma li kien ħa r-ritratti. Dawn ittieħdu l-għada jew l-aktar fi żmien jumejn. Ra lil mara nieżla t-taraġ għal rasha u laqagħha hu. Huwa ma kienx ra min imbotta lil mara tiegħu. Huwa ma kienx ra lil oħt il-mara tinżamm mill-imputat fil-bidunett. Iżda malli żamm il-mara tiegħu, ra x-xenata u lill-imputat jipprova jżommha. (fol 67).

Reġgħet xehdet mart l-imputat li qalet li kien inqala' inċident żgħir. Hija kienet tilfet rahs fid-diskors li bdew jgħidu. Għalkemm l-imputat ma ridhiex titlaq mid-dar hija kien irnexxielha u ċemplet lil ħtuha.

**Issa wara dan iż-żmien reġgħu kienu qed jgħixu flimkine u x-xhud xtaqet li l-Qorti tkun taf b'dan l-iżvilupp. (fol 73)**

Hi kienet lesta li tħalls in-nuċċali t'oħtha. (fol 73).

Reġgħet xehdet Esther Pace biex tikkonferma li r-rikonċiljazzjoni kienet ferma. (fol 76).

Xehed l-imputat li spjega kif l-inċident inqala' wara li hu mesaħ plattina u l-mara tiegħu rrabjat u bdiet tgħajjat. L-imputat stess kien ċempel lil oħrt martu – 'l Mrs Fenech – li ġiet flimkien mar-raġel tagħha. Sadanittant ġiet Beatrice Gruppetta. L-imputat u martu kienu fit-taraġ ta' barra **u l-imputat kien b'dahru lejn il-bankina**. **Martu kienet 'il fuq minnu tħares lejn it-triq.** (fol 87). Huwa kien qed jipprova jsaqsi lil martu għala riedet titlaq mid-dar – bħalma jagħmel kull raġel li jirrispetta u jħġobb 'il martu – huwa sema' ħafna għajajt fuq il-bankina. F'daqqa waħda dar u jisma' ħanf kommossjoni. Bejn l-imputa u n-nies fuq il-bankina kien hemm xi metru jew metru u nofs. L-imptutat qal li hu ma setax ikollu kuntatt fiżiku man-nies fuq il-bankina. L-imputat innega li hu kien viċin ta' oħt 'il mara tiegħu.

Il-mara telqet mid-dar u wara bagħatilha xi ħwejjeġ ma' ħuha. Sal-10 ta' Ġunju 2006 ma kein sema' xejn aktar. Biss baqa' jipprova jagħmel kuntatt mal-mara permezz t'a ittri u ta' social workers. Wara l-mara qaltlu li l-ittri u l-cards qatt ma waslu għandha waqt li l-imputat insista li dawn kien jibgħathom għand oħtha.

L-imputat innega li huwa uża xi vjolenza fuq martu jew li ssekwestraha kontra r-rieda tagħha. Huwa nnega wkoll li kien fil-viċinanza ta' Beatrice Gruppetta u għalhekk ma setax għamel il-ferita huwa. L-imputat kien ħames tarġiet 'il fqu mit-taraġ waqt li 'huma' kienu fuq il-bankina. Hu kien qed iħares lejn il-bieb tad-dar. Konsegwentement innega wkoll li kisser in-nuċċali. L-imputat fl-aħħar qal li hu ma kien uża ebda kliem li jimmalafama. Huwa kkonferma wkoll l-istqarrija li kien għamel għand il-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni kontra l-imputat hi li huwa ssekwestra lil martu billi ma ħallihiex toħroġ mid-dar. Skond l-Antolisei:

‘’Si rende responsabile di questo reato ‘chiunque priva taluno della liberta’ personale’

L’elemento oggettivo consiste nella privazione della liberta’ persoanle, la quale qui va intesa in senso restrittivo, e cioe’ come liberta’ spaziale o liberta’ di muoversi nello spazio (liberta’ di locomozione).

La condotta puo’ essere sia attiva che omissiva. Risponde, quindi, del reato in esame, tanto chi chiude una persona in una stanza, impedendole di usirne, qaunto chi omette di rstituire ad un trerzo la sua liberta’ di movimento, trattenendolo indebitamente nel luogo cui e’ rinserrato. La fattispecie del delitto in aprolea si realizza anche se la privazione della liberta’ non e’ totale, ne’ occorre che al paziente sia resa del tutto impossible ogni via di scampo. E’ necessario, peraltro, che la perdita della liberta’ ***si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo*** *(Conf. Cass. 13 ge*nnaio 1983 in Riv.pen. 1984; Id 20 febbraio 1980 in Mass.dec.pen. 1980 m 144, 412. (l-enfasi hija tal-awtur).

Soggetto passive puo’ essere anche chi si trovi gia’ in stato di parziale privazione della liberta’, qualora venga ulteriormente limitata la sfera di movimento a lui consentita.

Il delitto si consuma nel tempo e nel luogo in cui si verifica la privazione della liberta’ personale. Non e’ discusa l’ammissibilita’ del tentattivo,il quale deve ravvisarsi anche nel caso in cui la privazione della liberta’ sia verificata per un periodo di tempo irrelavante, trascurabile.

L’elemento soggettivo consiste nella coscienza e volonta’ di privare taluno della sua liberta’ personale, senza

averne l'autorizzazione. Non noccorre alcun fine speciale.'[2]

Il-Qorti qed tikkonsidra dawn l-elementi kif esposti mill-Antolisei għall-fatti kif ippruvati matul dawn il-proċeduri.

L-ewwelnett, ukoll jekk kien hemm ir-rikonċiljazzjoni, il-Qorti xorta għandha tindaga x'semgħet għax il-każ huwa wieħed ex ufficio.

It-tieni, bħalma qal l-Antolisei, is-suġġett passiv jista' jkun kulħadd u dan jgħodd għal persuni miżżewġin għax dawn ukoll huma tutetali b'din id-dispożizzjoni. Jiġifieri ma jsitax ikun aċċettat l-argument li għax raġel huwa miżżewweġ il martu, u li dawn joqogħud fl-istess dar, allura dan ir-reat ma jistax jissuċċedi. Skodn li dan l-argument mhux kompatibbli ma' dak li jipprovdi l-artikolu 86 tal-Kap 9.

Mill-eżami tal-fatti joħorġu dawn il-punti. L-ewwel li r-raġel innega li hu ried jissekwestra 'l martu. It-tieni li mart l-imputat qalet li hi riedet toħroġ mid-dar iżda r-raġel ma riedx iħalliha tagħmel dan tant li ntefa' fuqha.

Ma hemm xejn ħażin li r-raġel jipprova jirraġuna ma' martu biex din ma tħallix id-dar. Iżda dan bl-edba mod jimplika li għandu xi dritt iżommha hemm kontra r-rieda tagħha. Jekk il-mara taqbad u titlaq, allure ahemm ir-rimedji ċivili iżda ħadd ma jista' jieħu l-liġi f'idejh u b'xi mod jġiegħel lill-konjuġi jibqa' d-dar matrimonjali bil-forza. Din il-massima tgħodd ukoll jekk il-konjuġi jkun qed jagħmel hekk biex isalva ż-żwieġ u saħansitra jekk iħobb 'il martu tassewe kif jidher li kien f'dan il-każ.

Biss mill-provi miġjuba jidher li l-imputat tassew ma ħalliex lil martu taqbad u toħroġ mid-dar . Iżda kif jidher mill-parti ċitata mill-Antolisei – li għamel referenzi għala deċiżjonijiet tal-Qorti – wieħed irid jara jekk il-perjodu meta l-imputat ma ħalliex 'il martu toħroġ mid-dar – kienx wieħed ta' ċerta relevanza jew ta' ftit minuti biss. Mill-provi aktar jidher li

[2] Antolisei F. 'Manuale di Diritto Privato' Giuffre' Parte Speciale 1 paġni 142 et par.27

dan il-perjodu kien qasir ħafna tant li malli ġew xi qraba mart l-imputat tħalliet toħroġ mid-dar.

Minħabba dan l-element – jiġifieri ta' kemm effettivament dam in-nuqqas ta' liberta' ta' moviment – il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni hija dwar il-ferita gravi sofferta minn Beatrice Gruppetta. Il-vittma qalet li l-imputat imbuttaha u hi waqgħet it-taraġ u sofriet ġerħa li skond it-tabib tal-familja tista' tħalli marka permanenti f'sieq l-allegata vittma. L-istess tabib meta ħareġ iċ-ċertifikat fil-31 ta' Mejju 2005 kien qal li l-injury kienet 'of a slight nature' u d-diagnosi tiegħu taqbel maċ-'ċertifikat' rilaxxjat mill-isptar. Kien wara li rriżulta li l-marka kienet ser tibqa'. Min eżamina lill-vittma fl-isptar xi kważi seba' xhur wara l-inċident ma ddeskriviex l-injury bħala offiża gravi.

Il-Qorti qed tqis l-offiża hija waħda ta' natura gravi għaliex baqgħet il-marka u dan ai fini tal-artikolu 216(1)(a)(iii)(2) tal-Kap 9.

Il-Qorti qed teżamina wkoll minn kien responsabbli għal din l-offiża gravi.

Ir-raġel tal-allegata vittma ma ra xejn.

Il-Qorti qed tqis il-verżjoni mogħtija mill-vittma bħala waħda affidabbli. Hi qalet li l-imputat imbuttaha.

Biss il-Qorti eżaminat u rat lill-imputat jixhed u setgħet tiżen jekk dan kienx qed jixhed il-verita' jew le. L-imputat baqa' jinsisti li martu kienet f'post ogħla minnu fil-parapett waqt li **hu kien dahru lejn il-bankina f'xi tarġiet aktar fil-baxx u s'intendi kien qed jipprova jipperswadi lil martu għall-aħħar darba biex ma tħallix id-dar.**

L-imputat insista fuq din il-pożizzjoni waqt li l-allegata vittma qalet li l-imputat kien b'idejh miftuħa (probabbli jirraġuna b'idejh ma' martu).

Peress li ħadd ma semma xi persuni oħrajn li kienu fil-viċinanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-allegata vittma b'xi mod kienet imbuttata mill-imputat.

Il-pożizzjoni deskritta mill-imputat tagħmel sens jekk dan kien jipprova jżomm lil martu milli titlaq għall-aħħar darba speċjalment jekk wieħed jaċċetta l-punt li huwa leħaq wasal aktar 'l isfel fit-taraġ minn martu. Iżda minkejja l-enfasi li l-imputat għamel fuq il-pożizzjoni tiegħu, il-Qorti qed tikkonkludi li xejn ma żamm lill-imputat li jisma' l-karozza tieqaf, jinduna li kienet waslet oħt martu, idur ftit mill-pożizzjoni li kien u jirreaġixxi billi jimbuttaha biex din ma tindaħalx bejniethom.

Għalhekk, il-Qorti, wara li qrat ix-xhieda diversi drabi u eskludiet dak li ma setgħetx tuża ai termini tal-artikolu 635 tal-Kap 9, qed tikkonkludi li kien l-imputat li imbotta lil Beatrice Gruppetta u konsegwentement qed issibu ħati li għamel ferita gravi ai termini tat-tieni imputazzjoni.

**It-Tielet Imputazzjoni**

Il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti għat-tieni imputazzjoni jgħoddu għal din l-imputazzjoni wkoll. Konsegwentement, waqt li l-Qorti qed tagħmel referenza għal dawn il-konsiderazzjonijiet, qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova dwar din l-imputazzjoni u għalhekk il-Qortri qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 86, 216(1)(a)(iii)(2), 325(1)(b),u 252 (1) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni b'dan pero' li jkun applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 minħabba li kien hemm l-istess mens rea u qed tillibera lill-imputat mill-ewwel u mir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih.**

**Stante li l-imputat għandu fedina penali netta u stante ċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti, flok qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien disa' xhur mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 u wara li rat l-artikolu 24 tal-istess Kap 446 qed tordna lill-imputa iħallas l-ispejjeż tan-nuċċali ta' Beatrice Gruppetta liema spejjeż jammontaw għal €286.30 jew somma verjuri oħra skond ir-riċevuti. Din l-ordni għandha saħħa daqs azzjoni ċivili bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------